MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Rikors Kongunt Numru. 151/2015

**Ab**

**u**

**Cb**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi l-konjugi B kkontrattaw iz-zwieg taghhom fil-31 ta' Marzu tas-sena 2002 fil-Knisja Parokkjali ta' Hal Luqa u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, G B li twieldet fit-2 ta' April 2007 u W JB li twieled fis-16 ta' Novembru 2008;
2. Illi l-imsemmija konjugi B kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dottor Liza Schembri fil-15 ta' Diembru 2010 (Dokument A)
3. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi B kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, *inter alia*, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 4 tal-istess kuntratt);
4. Illi l-konjugi B kienu wkoll irregolaw l-obbligi taghhom fil-konfront tal-manteniment ta' uliedhom minuri hekk kif jirrizulta mill-Artikolu 6 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, liema manteniment dejjem thallas puntwalment;
5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
6. Illi r-rikorrenti Fiona tiddikjara illi f'dan l-istadju hija tixtieq illi tirriverti ghal kunjomha xbubitha Bugeja;
7. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talbu sabiex din il-Qorti a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, joghgobha previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-ezistenza ta' dawk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C u kif ukoll tawtorizza lir-rikorrenti Fiona B illi tirriverti ghal kunjomha xbubitha Bugeja.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' April, 2015;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat illi ir-rikorrenti Fiona B talbet li tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' Bugeja;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti tibda billi tawtorizza lir-rikorrenti Fiona B biex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' Bugeja;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-15 ta' Dicembru 2010 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Bugeja, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------